MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 159/2005

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Ferrari S.p.A., ta' Via Emilia Est 1163, 41100 Modena, l-Italja**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores u P.L. Luisa Tufigno b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Mejju, 2005, nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Alathd Alolombe Alebe Alaab Alkwa, ta' Elkhoms, il-Libja**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur *nomine* fl-14 ta' Frar, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' attrici, maghrufa madwar id-dinja nkluz f'Malta ghall-karozzi sportivi *"FERRARI"*, hija proprjetarja ta'

diversi *trademarks* famuzi konsistenti fil-kelma *"FERRARI"* miktuba b'mod distintiv *oltre* ghar-rapprezentazzjoni partikolari ta' – jew inkludenti – ziemel rampanti, liema *trademarks* jinsabu registrati f'diversi gurisdizzjonijiet inkluz f'Malta, u dan dwar artikli ta' lbies fost ohrajn;

*In partikolari,* is-socjeta' attrici ghandha rregistrata f'Malta b'effett mid-19 ta' Gunju, 1997 it-*trademarks* bin-numri ta' registrazzjoni 27249, 27250, 27251 u 27252, u dan dwar kpiepel (*"caps"*) fost ohrajn;

Bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b'hafna sagrificcju u promozzjoni reklamattiva *da parti* taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq is-suq lokali, *in konnessjoni* ma' t-*trademarks* taghha FERRARI (miktuba b'mod distintiv) *oltre* ghar-rapprezentazzjoni partikolari ta' – jew inkludenti – ziemel rampanti;

Kpiepel ta' t-tip *baseball caps* bit-*trademarks* FERRARI miktuba b'mod distintiv *oltre* ghar-rapprezentazzjoni partikolari ta' – jew inkludenti – ziemel rampanti, huma artikli ta' *merchandising* ta' l-azjenda ta' s-socjeta' attrici;

Fis-16 ta' Jannar, 2005 is-socjeta' attrici giet infurmata ghall-Kontrollur ta' d-Dwana li waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 ta' l-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta), l-istess Kontrollur ta' d-Dwana kien issospenda r-rilaxx ta' l-*container* ECMU 9146631 ta' tul 40 pied kontenenti kpiepel ta' t-tip *baseball caps* (*nonostante* li fuq il-*bill of lading* relattiv id-deskrizzjoni ta' l-*packages* relattiva hija ta' *479 ctns-shoes, garment*) u li fuqhom hemm sinjali FERRARI, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* ta' d-Dwana *in transitu* ghar-rilaxx eventwali favur *consignee /* importatrici ndikata fuq l-istess *bill of lading* bhala ALATHD ALOLOMBE ALEBE ALAAB ALKWA (b'taht il-kliem ELKHOMS LIBYA), u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta' proprjeta' intellettwali;

L-oggetti hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom sinjali FERRARI u disinni partikolari ta' – u nkludenti – ziemel rampanti, li jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

Is-socjeta' attrici tinsab infurmata li b'kollox gew identifikati 870 kpiepel bis-sinjali kontraffatti;

L-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 4 ta' l-Kap. 414 hawn qabel imsemmi kif ukoll ta' l-artiklu 10(1) u (2)(b) ta' l-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416), u huma azzjonabbli b'applikazzjoni ta' d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikli 14 sa 19 ta' l-istess Kap. 416, 2 u 8(1) ta' l-istess Kap. 414;

Is-socjeta' attrici ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Is-socjeta' attrici nghatat opportunita' sad-data ta' l-prezentazzjoni ta' c-citazzjoni promotrici sabiex tinforma lill-Kontrollur tad-Dwana li nbdew l-opportuni procedimenti civili gudizzjarji;

Talbu lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi kpiepel li fuqhom hemm sinjali FERRARI u disinni partikolari ta' – u nkludenti – ziemel rampanti u li jinsabu prezentement taht l-awtorita' ta' l-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx ta' l-*container* ECMU 9146631 kontenenti l-imsemmija artikli, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha bin-numri ta' registrazzjoni 27249, 27250, 27251 u 27252 rispettivament;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali ta' l-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull

kaz minghajr ebda kumpens lill- u ghas-spejjez ta' l-konvenuta.

(3) tiehu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi ma' l-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk ta' t-trasport ta' l-imsemmija oggetti ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, ta' l-hazna stess kif ukoll ta' t-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi li *in forza* taghha eccepew illi:

Huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom aktar 'l quddiem izda *"prima facie"* jista' jinghad li l-prova ta' kontraffazzjoni ta' prodott ghandha ssir minn terzi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavits imressqa bhala prova;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li Dr. Luigi A. Sansone huwa rapprezentant tas-socjeta' Ferrari S.p.A., ta' Modena, l-Italja, ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni taghha gewwa Malta. Din is-socjeta' kienet giet avvzata li ser tidhol Malta

konsenja kpiepel, tat-tip *baseball caps*, mic-Cina abbord il-vapur M/V *"CMA-CGM-BELLINI"* gewwa *container* numru ECMU 9146631, u f'isem il-kumpanija attrici, l-attur kien talab lill-kontrollur tad-Dwana jzomm il-konsenja u jaghtihom kompjuni biex jibghatuhom lid-ditta estera biex janalizzawhom u jaraw jekk humiex foloz jew genwini. Sabu li kienu foloz u saret talba biex il-konsenja tigi mizmuma, u din fil-fatt giet mizmuma fil-*Customs Bond* tad-Dwana. Dawn il-fatti gew konfermati ukoll minn George Agius, li huwa *Inspector Custom Enforcement Unit,* li semma li fit-23 ta' Dicembru, 2004, il-*container in kwistjoni* kien gie maghzul ghall-kontroll fiziku. Ikkonferma li kienu ittiehdu kampjuni biex jigu analizzati. L-attur esebixxa stqarrija ta' Dottoressa Franca Acuto, li kkonfermat li *"the items in question consist in counterfeits"* u *"clearly fake"*. Il-*baseball caps in kwistjoni* kellhom marka bl-isem *"FERRARI"*, u irrizulta li dawn ma kienux gew manfatturati mis-, jew bil-permess ta', is-socjeta' attrici.

Illi meta jitqiesu l-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi, jinstiltu l-konkluzjonijiet li gejjin:

a. il-kumpannija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, la darba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

d. jidher li l-kumpannija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja ta' oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati

li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita' tal-imsemmija hwejjeg tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb bizzejjed li l-kumpannija attrici kellha ragun temmen li l-oggetti ta' kpiepel tat-tip *baseball caps,* li ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, u *ai fini* tat-tieni talba tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien hmistax-il jum tax-xoghol mil-lum jiddistruggi l-kpiepel *in kwistjoni* minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjes tas-socjeta' konvenuta, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, b'dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------